MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 250/2006

**E. Grech Cristal Bath Limited**

**vs**

**Joseph M. Scicluna**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li permezz taghha s-socjeta' attrici talbet l-hlas ta' elfejn, hames mija, tlieta u sebghin ewro u sitta u ghoxrin centezmi (€2573.26) gja` Lm1,104.70, rapprezentanti bejgh u konsenja ta' diversi oggetti forniti mis-socjeta' attrici dovuti mill-konvenut fuq ordni ta` l-istess konvenut.

Ra l-eccezzjoni ssollevata mill-konvenut li preliminarjament ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha pprezenatti fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda tas-socjeta' attrici, Adrian Grech, tal-konvenut Joseph M Scicluna u ta' Johann Grech, George Cassar, Lawrence Azzopardi u Leo Gatt, kif ukoll l-affidavitsipprezentati.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi din hija kawza ghal hlas ta' madum mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici lill-konvenut u li l-konvenut qed jissolleva illi l-madum ma kienx ta' kwalita' pattwita.

It-Tribunal jirrilleva illi kienet saret eccezzjoni preliminari fejn gie ssollevat illi l-konvenut ma kellux ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Illi permezz ta' sentenza preliminari moghtija minn dan it-Tribunal fl-24 ta' Novembru, 2006 it-Tribunal ikkonkluda illi kien gie ppruvat illi l-konvenut kellu relazzjoni mas-socjeta' attrici u t-Tribunal ordna l-prosegwiment ghas-smiegh tal-kawza fuq il-mertu.

Jirrizulta mill-atti illi bejgh u konsenja tal-madum saret, izda l-kontestazzjoni tal-konvenut kienet dwar il-kwalita' ta' madum provdut.

Is-socjeta' attrici xehdet illi l-ewwel konsenja ta' madum kienet ta' kwalita' wahda izda ftit wara l-konvenut kien ried madum ta' kwalita' ohra u cioe' ta' kwalita' inferjuri ghaliex ma kienx irid jonfoq hafna. Ix-xoghol ikkonsenjat kien gie mibdul in parti, u nharget *'credit note'* fuq ix-xoghol li kien ritornat hu. Il-konsenja tax-xoghol il-gdid saret. Ix-xhud spjega kif huwa kien biegh lil konvenut u nghata '*credit terms'* ta' tletin jum, kontra l-parir ta' missieru peress illi missieru ma kienx ried li l-konvenut ihallsu dak il-hin.

Illi jirrizulta illi bejn id-data tal-konsenja u l-ilment tal-konvenut dwar il-kwalita' o meno tal-madum kienu ghaddew ix- xhur u l-ilmenti saru meta s-socjeta' attrici bdiet tinsisti li tithallas il-bilanc dovut.

Illi skond ix-xhieda jirrizulta illi fil-waqt illi s-socjeta' attrici kienet bieghet lill-konvenut madum ta' terza kwalita' fuq struzzjonijiet tal-konvenut, il-konvenut qal illi huwa kien ried madum ta' kwalita' tajba u bi prezz ragjonevoli. Illi skond il-konvenut dan il-madum ma kienx ta' kwalita' pattwita izda kien ta' kwalita' ferm inferjuri minn dak li kien ordna u ppretenda. Jirrizulta wkoll, illi minkejja l-fatt illi l-konvenut ma kienx kuntent bis-servizz tas-socjeta' attrici huwa xorta wahda baqa' jqieghed il-madum u kompla jixtri oggetti tal-porcellana mis-socjeta' attrici fix-xhur ta' wara, bhalma huma '*wash hand basin u flushing.'* Jirrizulta mix-xhieda prodotta mill-konvenut illi huwa minnu illi l-madum kien ivarja fil-kulur kif ukoll mid-daqs izda ntqal ukoll illi l-konvenut qatt ma` ta ordni illi t-tqeghid tal-madum ma jitkompliex.

It-Tribunal jidhirlu illi kemm il-konvenut kif ukoll Johann Grech kienu lmentaw dwar konsenja mhux kompluta peress illi nstab in-nieqes fil-konsenja tal-madum originali izda huma qatt ma waqfu t-tqeghid ta' l-istess madum. Jirrizulta ghalhekk illi minn naha tal-konvenut kien hemm accettazzjoni tal-madum ta' terza kwalita' skond l-'*invoice'* datata 8 ta' Frar, 2005, liema *invoice* tindika li l-madum kien fil-fatt ta' terza kwalita'.

Mix-xhieda jirrizulta illi l-partijiet kienu ftehmu dwar il-konsenja sussegwenti u t-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut seta' jaghzel illi ma jiftiehemx mas-socjeta' attrici dwar it-tieni konsenja u kellu semmaj igieghel lis-socjeta' attrici taqla' l-madum ta' kwalita' inferjuri, haga li l-konvenut ma ghamilx. Il-konvenut jghid illi accetta t-tieni konsenja ghaliex qal illi kien mghaggel sabiex jiftah l-ufficcju l-gdid kif ukoll beza' li tal-madum ma kienx ser jibqalu jistenna sakemm konsenja ohra gdida tasal minn barra bil-konsegwenza li jgholilu l-prezz tas-servizz tieghu.

Il-konvenut baqa' jsostni illi ghalkemm huwa ftiehem ghat-tieni konsenja ma ppretendiex illi x-xoghol kellu jkun ta' kwalita' tant inferjuri u ta' dan ried skont qawwi ta` circa 55% u kien baghat cheque ta' Lm900 li kellu jsalda bilanc ta' Lm1,991.70. Is-socjeta' attrici ma kienetx accettat li l-

hlas kien ghas-saldu tal-bilanc kollu u nsistiet li tithallas il-kumplament tal-bilanc dovut.

It-Tribunal jirrilleva li bl-offerta li kien ghamel il-konvenut huwa ried jaghmel tajjeb ghal kwalita' inferjuri li huwa kien ircieva, izda s-socjeta' attrici insistiet illi l-kwalita' konsenjata kienet il-kwalita' ordnata mill-konvenut.

Minn analizi tax-xhieda konfliggenti u evalwazzjoni tal-provi ezebiti, it-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li ghalkemm il-konvenut kien ghamel offerta lis-socjeta' attrici ta' hlas ghas-saldu tal-bilanc din giet irrifjutata mis-socjeta` attrici. Is-socjetat sarrfet ic-*cheque* ta' LM900 u insistietgahll-kumplament tal-bilanc. Illi lit-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' attrici ma kienetx cara meta hija offriet il-madum ta' terza kwalita' u huwa tal-fehma illi s-socjeta' attrici kienet fid-dover illi tispjega lill-klijent xi jfisser madum ta' terza kwalita' fejn per ezempju li jista' jinghad il-kaz ta' varjazzjonijiet ta' kuluri, kif fil-fatt irrizultaw. Illi jidher illi ghal dan in-nuqqas is-socjeta' attrici kienet ipprovdiet u ghamlet tajjeb billi permezz ta' ittra datata 16 ta' Gunju, 2005 offrietlu madum b'xejn fil-prezz ta' Lm196. It-Tribunal jirrilleva illi fil-waqt illi l-konvenut dejjem sejjah il-madum konsenjat bhala diffettuz, is-socjeta' attrici rriteniet illi l-madum kien ta' kwalita' terza kif ordnat mill-konvenut.

Illi minn naha l-ohra, lit-Tribunal jidhirlu illi ghalkemm il-konvenut kien pressat sabiex jiftah l-ufficju dan ma jfissirx illi kellu jaccetta kollox minghajr ma jivverifika x'kien qed jordna .

Illi minn dokumenti prezentati, t-Tribunal jirrilleva li l-konvenut ma kienx irrifjuta li jhallas ghal madum, izda ried li jinghata skont qawwi mill-bilanc, tant illi ghamel offerta ta' Lm900 ghas-saldu, liema offerta giet rifjutata.

Illi wara li analizza l-provi migjuba quddiemu t-Tribunal huwa konvint illi s-socjeta' attrici aggixxiet '*in buona fede'* meta bieghet il-madum ta' terza kwalita' izda naqset meta ma spjegatx ezattament xi jfisser meta wiehed jixtri kwalita' terza ta' madum izda jibqa' l-fatt illi fic-cirkostanzi

l-madum kien tal-kwalita' pattwita. It-Tribunal huwa moralment konvint illi ma kienetx l-intenzjoni tas-socjeta' attrici li tinganna fl-ebda hin lill-konvenut. Izda minn banda l-ohra, meta l-konvenut kien accetta li jixtri madum ta' terza kwalita' huwa ma riedx jonfoq hafna, izda qatt ma ppretenda ir-rizultat li kellu wara li tqieghed il-madum. It-Tribunal ifakkar ukoll illi kif xehed sid l-ufficju, huwa qal illi minn dak in-nhar il-fond kien gie ritornat lilu u l-madum ma jaghtihx fastidju. Illi sa llum dan il-madum ghadu f'postu.

It-Tribunal ihoss illi ghalkemm is-socjeta' attrici timmerita hlas ghax-xoghol konsenjat minna, hija naqset meta ma spjegatx illi l-madum ta' kwalita' terza jista' jkangi fil-kulur u sahansitra jista' jkun ta' daqs differenti. Minn banda l-ohra l-konvenut ma kellux jippretendi xoghol perfett u l-intransigenza ghan-nuqqas ta' hlas m'huwiex gustifikat. Ghalhekk, b'sens ta' gustizzja u ekwita' t-Tribunal ha jirriduci s-somma mitluba b'ghaxra fil-mija (10%) sabiex jaghmel tajjeb ghall-kwalunkwe' inkonvenjent li sofra l-klijent.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna lill-konvenut ihallas fis-somma ridotta ta' elfejn, tlett mija u hmistax-il ewro u tlieta u disghin centezmi (€2315.93) gja` Lm994.23, bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-pagament effettiv.

Spejjez ghandhom jitqasmu tlett kwarti a karigu tal-konvenut u kwart a karigu ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------